DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/968

tas-6 ta' Ġunju 2016

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Programm ISA²)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE ("Protokoll 31").

(3) Il-Protokoll 31 fih dispożizzjonijiet u arranġamenti dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet.

(4) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi d-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(5) Għaldaqstant, il-Protokoll 31 għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda mill-1 ta' Jannar 2016.

(6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda proposta għall-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA²) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-6 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
H.G.J. KAMP

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/2016

ta' …

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, rigward kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi d-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA[2]) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku ([1]).

(2) Għaldaqstant, il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda mill-1 ta' Jannar 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 17 (Skambju telematiku ta' dejta) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fil-paragrafu 1, is-subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2016, jipparteċipaw fil-proġetti u l-attivitajiet tal-programm tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 6(d).".

2. Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 5:

"5a. L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-bidu tal-kooperazzjoni fil-programm imsemmi fil-paragrafu 6(d), jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-Kumitat dwar Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, Negozji u Ċittadini Ewropej (il-Kumitat tal-ISA[2]), li jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-iżvilupp ta' dak il-programm.".

3. Fil-paragrafu 6, il-punt li ġej huwa miżjud:

"(d) bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni mill-1 ta' Jannar 2016:

— **32015 D 2240**: Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA[2]) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1).

Il-Liechtenstein huwa eżentat mill-parteċipazzjoni f'dan il-programm u milli jagħti kontribuzzjoni finanzjarja għalih.".

([1]) ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Din tapplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]